# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

### ILLUM L-20 TA' MEJJU 2019

**Kawza Numru: 8**

**Rik. Gur. 1002/2018 RGM**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**vs.**

**Paolo Carlo Tavarelli**

## Il-Qorti:

## <u>Preliminari</u>

Rat ir-**rikors** tal-Kummissarju tat-Taxxi prezentat fil-15 t'Ottubru, 2018 li jaqra kif gej:

Illi d-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE *dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra* tas-16 ta' Marzu 2010 tippromwovi u tirregola l-kollaborazzjoni bejn Stati Membri fir-rigward ta' irkupru ta' taxxa u/jew dazju dovuta minn debituri ta' Stat Membru partikolari li jinsabu f'territorju ta' Stat Membru ieħor, u miżuri oħra;

Illi din id-Direttiva ġiet implimentata fil-Liġi ta' Malta permezz tal-Ordni ravviżat fl-Avviż Legali Nru. 153 tas-sena 2012 liema Avviż Legali daħal fis-seħħ fl-ewwel (1) ta' Jannar 2012 u li jippermetti lil Kummissarju tat-Taxxi lil Ministru responsabbli għall-Finanzi, bħala l-awtorità kompetenti, sabiex jiġbor taxxa dovuta fi Stati Membri oħra fejn id-debitur jinsab ġewwa Malta;

Illi ai termini tad-Direttiva imsemmija, l-awtorità kompetenti tal-Belġju, ossija l-awtorita` applikanti, għamlet talba għall-assistenza lill-esponent, f'isem il-Ministru responsabbli għall-Finanzi, sabiex l-esponent jirkupra taxxa li hi dovuta lill-istess awtorita` applikanti;

Illi l-intimat għandu taxxa dovuta lill-awtorita` applikanti tal-Belġju fl-ammont ta' erbat elef, disa' mija, tnejn u tmenin Ewro, 6 ċenteżmi (€4,982.06), kif jidher mill-Istrumenti Uniformi li jippermettu Infurzar hawn annessi u immarkati bħala Dok. 'A' u Dok. "B", oltre interessi skont l-Atti dwar it-Taxxa (Kap. 123 u 372 tal-Liġijiet ta' Malta), liema interessi jiddekorru mid-data tan-notifika ta' dan ir-rikors;

Illi l-intimat huwa indikat li jinsab ġewwa Malta u għalhekk l-esponent qed jipproċedi sabiex jirkupra l-ammont hawn fuq imsemmi stante li l-imsemmi dejn qed jitqies daqslikieku kien dejn dovut lill-Gvern ta' Malta u dan ai termini tal-Artikolu 9 tal-imsemmi Avviż Legali;

Illi l-esponent hu sodisfatt illi fir-rigward ta' din it-talba ta' irkupru ġew imħarsa r-rekwiżiti relevanti kollha tal-imsemmija Direttiva;

Illi, kif ukoll, l-intimat għandu dritt għal traduzzjoni tal-istess Dok. 'A' u Dok. 'B' f'waħda mill-lingwi uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea jew ta' Malta. Fir-rigward ta' dan qiegħed jiġi allegat dokument ma' dan ir-rikors, u immarkat bħala Dok. 'Ċ' sabiex l-intimat ikun speċifikament infurmat illi tali rikjesta għandha ssir fi żmien sebat (7) ijiem mid-data ta' notifika ta' Dok. 'A', Dok. 'B' u Dok. 'Ċ'.

Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, ai termini tas-sub-artikoli 9(6) u (7) tal-imsemmi Avviż Legali, fl-ewwel lok tordna li kopja ta' dan ir-rikors flimkien mad-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'A', Dok. 'B' u Dok. 'Ċ' jiġu notifikati lill-intimat skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u fit-tieni lok sabiex tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument hawn annessi u mmarkati bħala Dok.'A' u Dok. 'B', bħala kopja uffiċċjali tagħha, sabiex tali dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv.

Rat illi l-konvenut gie notifikat izda ma pprezentax risposta.

Rat l-atti.

Rat li t-talba hi gustifikata.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi:

Tilqa' t-talba u bis-sahha tal-Avviz Legali numru 153 tas-sena 2012 tordna r-registrazzjoni tad-dokumenti annessi mar-rikors promotur u mmarkati bhala Dok 'A' u Dok 'B' u tiddikjara li tali dokumenti jikkostitwixxu titolu ezekuttiv.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**
20 ta' Mejju 2019

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**
20 ta' Mejju 2019